## Malta Preistorika

### *(a) L-Altar tat-Tempju ta' l-Imnajdra*



X'aktarx, l-altar huwa l-aktar ħaġa magħrufa ġol-kumpless tat-tempji ta' l-Imnajdra ġewwa l-Qrendi, li kien nstab fl-1836. It-tempji ta' l-Imnajdra jikkonsistu fit-Tempju ż-Żgħir, it-Tempju t'Isfel, u t-Tempju tan-Nofs.

L-altar, li jinsab fit-Tempju t'Isfel, huwa x'aktarx l-aktar ħaġa li tispikka fil-kumpless tat-tempji, u jista' jkun suġġett adattat għal waħda mill-muniti ta' l-euro ta' Malta biex jirrappreżenta lil Malta preistorika.

### *(b) Statwi miċ-Ċirku tal-Ġebel tax-Xagħra*



Dan is-sett ta' figurini tal-ġebla tal-franka kienu nstabu flimkien fuq is-sit taċ-Ċirku tal-Ġebel tax-Xagħra f'Għawdex. Iċ-Ċirku jinsab fuq promontorju lejn il-punent mit-tempji megalitici tal-Ġgantija, ħaġa li tindika li dan is-sit kien użat għad-dfin tal-mejtin min-nies tal-perijodu neolitiku, bejn l-4000 sena u l-2500 sena QK.

Il-figurini, jew xi dettalji minnhom, jistgħu juru aspett mhux tas-soltu mill-passat preistoriku ta' Malta biex jintwera fuq xi waħda mill-muniti ta' l-euro.

### *(c) It-tempji tal-Ġgantija*



Huwa mahsub li t-tempji tal-Ġgantija huma l-eqdem strutturi li għadhom wejfin fid-dinja. Is-sit jinkludi żewġ tempji neolitiċi li jmorru lura sat-tielet millennju qabel Kristu (3600 – 3000 QK). Il-ħitan konkavi tat-tempji jagħtuk x'taħseb li xi darba l-istruttura kollha kienet msaqqfa. Il-ħitan ta' barra tat-tempji huma mponenti ħafna: l-akbar megaliti ikejlu xi sitt metri b'erba, u l-ħajt xi darba seta' kien għoli xi 16-il-metru. Fl-iskavi li saru fl-1827, instabu ħafna oġġetti tal-fuħħar, vażuni u statwetti. Dawn issa jinsabu esposti fil-mużewijiet arkeoloġiċi tar-Rabat Għawdex u tal-Belt Valletta.

Il-karatteristika unika u l-importanża storika tat-tempji tal-Ġgantija jagħmilhom suġġett adattat biex jidhru fuq in-naħa nazzjonali ta' waħda mill-muniti Maltin ta' l-euro.

## Malta fi Żmien ir-Rinaxximent



### *(a) Il-Magħmudija ta' Ġesu*

Il-Magħmudija ta' Ġesu minn San Ġwann hija skultura impressjonanti li qegħda wara l-altar maġġur tal-konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. L-iskultura, li tqegħdet fil-post fl-1704, hija xogħol l-iskutur Taljan tal-Barokk Imwaħħar Giuseppe Mazzuoli (1644 – 1725).

Il-figura ta' San Ġwann spiss kienet tidher fuq il-muniti ta' l-Ordni ta' San Ġwann li kienu jiċċirkulaw ġo Malta matul il-perijodu 1530 – 1798, u għaldaqstant din l-iskultura tipprovdi rabta qawwija mal-perijodu rinaxximentali. Għalhekk hija suġġett adattat biex tidher fuq waħda mil-muniti tal-euro ta' Malta.



### *(b) Il-Bieb tal-Berġa ta' Kastilja*

Il-bieb imponenti tal-Berġa ta' Kastilja, Leon u l-Portugal hija simbolu tas-sede governattiva ta' Malta, peress li llum il-Berġa tospita l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Din hija l-akbar, u forsi l-aktar berġa mponenti minn dawk mibnija fi żmien il-Kavallieri (1530 – 1798). Din il-berġa nbniet mill-perit Malti Ġirolmu Cassar fl-1574. Fl-1744, fi żmien il-Gran Mastru Pinto de Fonseca, saru tibdilet strutturali estensivi taħt id-direzzjoni tal-perit Domenico Cachia,.

Id-daħla, jew xi dettal minnha, qed tiġi proposta bħala wieħed mis-suġġetti li jistgħu jirrappreżentaw lil Malta ta' żmien ir-Rinaxximent fuq il-muniti Maltin ta' l-euro.



### *(c) Il-Forti Sant'Anġlu*

Il-Forti Sant Anġlu hu meqjus bħala l-aktar sit importanti f'dak li hu wirt militari Malti. Il-forti hu mibni fuq sit Ruman iffortifikat. Fil-medjuevu kien okkupat mill-Aragoniżi u mill-Angevini. Fl-1530, meta waslu l-Kavallieri ta' San Gwann fil-gżejjer Maltin, il-forti sar is-sede tal-Gran Mastru, u kellu parti importanti fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Fl-1912 il-forti gie uffiċċjalment elenkat bħala bastiment mill-Ingliżi, u ngħata l-isem ta' HMS Egmont; iżda fl-1933 ngħata l-isem ta' HMS St Angelo.

Il-pożizzjoni imponenti tal-forti Sant Anġlu, u s-sehem importanti li kellu fl-istorja ta' Malta jagħmluh suġġett adattat biex jidher fuq in-naħa nażżjonali ta' xi waħda mill-muniti ta' l-euro ta' Malta.

## L-Identita' Maltija

### *(a) Il-Monument ta' l-Assedju l-Kbir*



Il-monument ta' l-Assedju l-Kbir twaqqaf fl-1920 sabiex ifakkar din il-ġrajja epika fl-istorja ta' Malta, jiġifieri r-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin fuq il-qawwa tat-Torok li kienu qed jinvadu lil Malta.

Il-monument huwa rappreżentazzjoni allegorika tal-Qlubija, it-Tama u l-Fidi. Huwa xogħol l-iskultur Antonio Sciortino (1897 - 1927), li bih ried ifisser id-determinazzjoni tad-difensuri u, aktar importanti minn hekk, il-kwalitajiet meħtieġa sabiex Malta ċkejkna tkun tista' tkampa fid-dinja kbira ta' madwarha.

Is-salib tat-tmien ponot fuq l-elmu tal-figura ċentrali jidentifika lil Malta b'mod ċar, u għalhekk dan is-suggett qed jiġi propost biex jintwera fuq in-naħa nazzjonali ta' waħda mill-muniti ta' l-euro.

### *(b) L-Arma ta' Malta*




L-arma ta' Malta hija deskritta mill-Att Dwar l-Arma u s-Siġill Pubbliku ta' Malta 1975 bħala tarka b'rappreżentazzjoni eraldika tal-bandiera nazzjonali ta' Malta. Fuq it-tarka hemm kuruna mibnija bil-ġebel, li tirrappreżenta s-swar ta' Malta u tfisser li Malta hija belt-stat. It-tarka hija mdawra b'girlanda magħmula minn żewġ friegħi, waħda taż-żebbuġ u l-oħra tal-palm, it-tnejn simboli tal-paċi u tradizzjonalment assoċjati ma' Malta.

L-arma bħalissa tidher fuq in-naħa komuni tal-muniti ta' Malta, u għaldaqstant tista' tipprovdi ċerta kontinwita' jekk tintwera fuq il-munita ta' l-euro.

### *(c) Rappreżentazzjoni allegorika ta' Malta*



Il-figura allegorika ta' Malta bis-salib tat-tmien ponot filwaqt li qed iżżomm tmun f'idha, li tirrappreżenta lil Malta li qed tikkontrolla d-destin tagħha, hija xogħol l-artist Malti magħruf Edward Caruana Dingli (1876-1950). Huwa kien pinġa din il-figura għal sett ta' bolol li nħareg fl-1922 wara li Malta ngħatat il-kostitużżjoni storika tal-ta' l-1921.

Il-figura tidher fuq il-ħames serje tal-flus tal-karta maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta li qed jintużaw bħalissa.

## L-Arċipelagu Malti

### *(a) Mappa tal-Gżejjer Maltin*




Ħafna huma l-mapep ta’ Malta li nstabu f’bosta bliet kapitali Ewropej matul is-sekli. Ftit minn dawn il-mapep jinsabu f’kollezzjoni żgħira li għandu l-Bank Ċentrali ta’ Malta.

Il-mappa li qed tintwera qed tiġi proposta biex tirrappreżenta l-arċipelagu Malti fuq il muniti ta’ l-euro. Din tmur lura għall-1680.

### *(b) Is-Swar tal-Belt Valletta*



Il-Belt Valletta nbniet fuq il penisola strategika ta’ Sceberras, li titla wieqfa minn bejn żewġ portijiet fondi, dak ta’ Marsamxett u l-Port il-Kbir. Bdiet tinbena’ fl-1566, u x-xogħol intemm fi ħmistax-il sena’ biss, meta’ s-swar imponenti tagħha, bil-fortifikażżjonijiet u l-katidral kienu lesti. Il-Belt hija msejħa għall-fundatur tagħha, il-Gran Mastru Jean Parisot de la Valette, li kien mexxa l-kavallieri ta’ San Ġwann u l-Maltin fir-rebħa ta’ l-Assedju l-Kbir ta’ l-1565.

Għal raġunijiet ġeografiċi kif ukoll storiċi, il-Belt Valletta hija sinonima ma’ Malta, u għaldaqstant tirrappreżenta suġġett adattat sabiex tintwera fuq in-naħa nazzjonali tal-muniti ta’ l-euro.

### *(c) Profil ta’ l-Imdina*



Il-profil ta’ l-Imdina, il-belt Kapitali l-qadima ta’ Malta, bil-katedral barokk, u bis-swar u l-palazzi tagħha, hija binja imponenti li tidher mill-parti ċentrali ta’ Malta kollha. L-Imdina hija eżempju mill-ifjen fl-Ewropa ta’ belt antika mdawwra bis-swar, u hija probabbilment l-aktar profil magħruf tajjeb fil-gżira.

L-Imdina hija magħrufa sew ukoll minn dawk kollha li jżuru l-pajjiż, u għaldaqstant hija verament rappreżentattiva tal-gżejjer Maltin u hija suġġett adattat sabiex jintwera fuq il-muniti Maltin ta’ l-euro.